MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2909/2002

***Domestica Limited***

***vs***

***Ian Vella***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Dicembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u sitta u erbghin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm646.86) rappresentanti bilanc ta' prezz, inkluz spejjez ohra (VAT) fuq bejgh ta' merkanzija debitament ikkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez legali kollha inkluzi Lm28.75 tal-konsult, u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.
Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Simon Galea Testaferrata ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u sitta u erbghin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm646.86), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------